# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Jannar 2002**

**Numru 3**

**Avviz. numru 1045/99mm**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Octavian Insurance at Lloyds kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Robert Attard abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Robert Attard**

**vs**

**Cristino Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fis-7 ta' Lulju 1999 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta' skond il-Ligi, jhallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u hamsa u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm535.55c), in kwantu ghall-ammont ta' erba' mija u

ghaxar liri u hamsa u hamsin centezmu (Lm410.55c), jew somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha Robert Attard u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u in kwantu ghas-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm125.00) lill-attur Robert Attard ammont rapprezentanti *excess payment,* li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Lulju 1998 ghall-habta ta' 5.50p.m. gewwa St Mary Street kantuniera ma' St Francis Street, Mellieha, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni RAB 817 proprjeta' ta' l-attur Robert Attard u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni BAG 565, liema ncident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra gudizzjarja tat-23 ta' April 1999, u ta' l-ittra gudizzjarja li ntbaghtet kontestwalment ma' l-avviz lis-socjeta' Allied Insurance Services Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Generali s.p.a., u interessi legali mid-data tan-notifika ta' din l-imsemmija ittra gudizzjarja tat-23 ta' April 1999 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi l-eccipjenti ma kellu ebda tort jew htija fl-incident awtomobilistiku imsemmi fl-avviz, li gara unikament b'tort u htija

tal-istess attur Robert Attard, li kien qed isuq il-vettura numru RAB 817 assigurata mal-attur l-iehor Fogg Insurance Agencies Limited nomine, minhabba mprudenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' dan l-istess attur Robert Attard, u ghalhekk l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-imsemmi incident u ghad-danni pretizi mill-atturi u d-domandi tal-atturi ghandhom kwindi jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi grat kantuniera bejn Zerafa Street u St Mary Street Mellieha bejn il-karozza RAB 817 misjuqa minn Robert Attard, l-assikurat tas-socjeta' attrici u l-vettura BAG 565 misjuqa mill-konvenut. Fi zmien ta' l-incident Zerafa Street kienet *two way* u fil-kantuniera minn fejn kien hiereg l-attur Robert Attard kien hemm *stop sign*.

Robert Attard ighid illi dak il-hin kien qieghed isuq il-karozza Renault RAB 817 go Triq Santa Maria. Meta gie f'salib it-toroq ma' Triq Francis Zerafa huwa waqaf fil-kantuniera. Peress illi dina hija *blind corner* huwa beda hiereg bil-mod biex jara minn fuq ix-xellug tieghu, izda waqt li kien qieghed jaghmel hekk, giet il-karozza l-ohra misjuqa mill-konvenut li baqghet diehla fuqu. Il-

hsarat fuq il-karozza tieghu kienu fuq il-faccata kollha, mentri l-ftit hsara li kien hemm fuq il-vettura l-ohra misjuqa mill-konvenut kienu fuq in-nahha ta' wara, taht il-kaxxa. L-attur ighid illi ma jidhirlux illi kien hemm karozzi pparkjati la fi Triq Santa Maria u lanqas fi Triq Zerafa. Ma semgha l-ebda horn gej mill-vettura l-ohra u lanqas ma hu ghamel l-istess.

Il-konvenut minn naha l-ohra jghid illi huwa kien qed isuq ghad-dritt go Triq Zerafa u jinghad li meta gie f'salib it-toroq, giet il-karozza l-ohra minn fuq il-lemin tieghu u baqghet diehla go fih taht il-kaxxa. Dana gara ezatt fl-inkrocju. Il-konvenut ighid illi huwa kien niezel bil-mod ghax dik it-triq ma tistax issuq. Bhala hsarat ma kellu kwazi xejn peress li kullma swietlu biss erbghin lira (Lm40.00). Il-konvenut jallega illi meta dar il-kantuniera biex jidhol ghal go Triq Zerafa kien hemm karozzi pparkjati fuq ix-xellug tieghu u kien ghalhekk illi bilfors kellu johrog ftit 'l barra sabiex jevita dawn il-karozzi u kien ghalhekk illi fl-isketch il-posizzjoni tal-karozza tieghu tidher ezatt fin-nofs fl-inkrocju.

Ikkunsidrat:

Illi meta si tratta ta' karozza hierga minn *side road* minn wara *stop sign*, ma hemmx dubbju li hawn jinkombi certa obbligazzjonijiet fuq is-sewwieq biex jassigura illi huwa jista johrog minn wara l-*stop sign* minghajr perikolu ghall-karozzi ohra jew ghalih inniffsu.

L-attur ighid illi huwa waqaf wara l-*stop sign*, u beda hiereg bil-mod, *inching out* ihares lejn ix-xellug sabiex joqghod attent

ghall-karozzi gejjin min dik in-nahha. Kien proprju meta kien f'dik is-sitwazzjoni illi giet il-karozza misjuqa mill-konvenut mix-xellug u baqghet diehla go fih. L-attur ighid illi dak il-hin huwa kien wieqaf. Dana huwa kontradett mill-konvenut illi jghid illi l-konvenut li Attard kien *in motion* dak il-hin illi huwa kien qed jaqsam l-inkrocju u kien Attard illi baqa diehel fuqu u mhux vice versa.

Ikkunsidrat:

Illi apparti l-isketch illi hemm esebit f'dawn l-atti d-danni subiti mill-karozzi huma ta' ndikazzjoni ghal dak illi huwa responsabbilta' ghal dan l-incident. Il-karozza misjuqa mill-attur ghandha hsarat fuq il-faccata kollha, mentri l-vettura misjuqa mill-konvenut ghandha biss daqqa zghira taht il-kaxxa fuq in-nahha ta' wara. Dana jindika quindi illi kien l-attur Attard illi baqa diehel fuq il-vettura tal-konvenut u mhux *vice versa*. Dana jkompli jitfa dell fuq is-sewqan ta' Attard aktar u aktar meta tqis illi din il-manuvra tieghu hija rizultat ta' sitwazzjoni fejn suppost huwa kellu joqghod ferm aktar attent minhabba l-*stop sign* illi kien hemm fit-tarf tat-triq Santa Maria. Billi jkollok *blind corner* ma jfissirx illi b'daqshekk tista taqbad u tohrog kif trid. Tajjeb illi f'sitwazzjoni bhal dik sewwieq ghandu *inching out,* johrog bil-mod, jhares minn fuq il-windscreen lejn ix-xellug biex jassigura illi huwa ma jesporgix aktar milli huwa necessarju sabiex jara minn gej minn dik in-naha. Il-karozzi jidhru li habtu ezatt f'nofs it-triq, f'nofs l-inkrocju, fejn allura jidher illi Attard hareg ferm iktar milli suppost kellu johrog biex jassigura l-viswali lejn in-nahha tax-xellug. Ma kellhux ghalfejn johrog sa nofs it-triq biex jaghmel

dan, meta setgha facilment jara s-sitwazzjoni mill-posizzjoni ferm aktar lura. Meta tqis imbaghad li kien l-attur Attard li baqa diehel fuq il-vettura tal-konvenut u mhux vice versa, allura dana jkompli jitfa aktar dell fuq is-sewqan ta' l-attur illi ghandu jkollu konsegwenza fuq ir-responsabbilta ta' dan l-incident.

Il-Qorti jidhrilha illi l-attur Robert Attard ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji meta gie biex johrog wara l-stop sign. Veru illi huwa jghid illi ghamel hekk, *inching out* pero' l-isketch juri mod iehor. Il-posizzjoni fejn habtu l-vetturi hija aktar esposta milli kien kommodament prattikabbli ghall-attur Attard. Dana messu qaghad aktar lura u ma poggiex il-karozza tieghu fil-perikolu ghal karozzi l-ohra gejjin minn fuq ix-xellug tieghu. Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u esklussivament l-attur Robert Attard u mhux il-konvenut.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-atturi. Bl-ispejjez kontra taghhom.

Anthony Zammit
Dep Reg